**P6_TA(2007)0307**

## L-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materja Kriminali *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 Lulju 2007 dwar ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000, stabbilita mill-Kunsill skond l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materja Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (COM(2007)0213 — C6-0158/2007 — 2007/0080(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0213) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, skond liema Artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0158/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0261/2007),

1. Japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

---

**P6_TA(2007)0308**

## L-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni tas-17 ta' Ġunju 1998 dwar l-iskwalifiki tas-sewqan *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni tas-17 ta' Ġunju 1998, imfassla fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-iskwalifiki tas-sewqan (COM(2007)0214 — C6-0155/2007 — 2007/0075(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0214) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0155/2007),

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.